MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Numru 1/2004

**Fl-atti tar-rikors fl-ismijiet:**

***Karim Barboush***

***v.***

***Kummissarju tal-Pulizija***

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat il-bierah 26 ta’ Ottubru 2004, li permezz tieghu talab, skond dak li jipprovdi l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti tordna r-riarrest ta’ Karim Barboush u li dan jibqa’ mizmum in detenzjoni, u dan wara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’digriet tal-25 ta’ Ottubru, 2004 iddikjarat id-detenzjoni ta’ Karim Barboush illegali u ordnat ir-rilaxx immedjat tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-bierah ukoll, li permezz tieghu din il-Qorti ordnat in-notifika immedjata tal-imsemmi rikors lil Karim Barboush u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghal-lum fid-9.00 ta' filghodu;

Rat l-<u>inkartament tal-proceduri</u> u d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta' Ottubru 2004;

Semghet lid-difensuri ta' Karim Barboush kif ukoll lill-Avukat Generali fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

Apparti l-kwistjoni ta' jekk il-kontinwazzjoni ta' l-arrest jew detenzjoni ta' Karim Barboush hix imsejsa fuq xi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali jew ta' xi ligi ohra – ara subartikolu (3) tal-Artikolu 409A tal-Kap. 9 – din il-Qorti ma tistax ma tosservax il-mod xejn ortodoss li bih il-Qorti tal-Magistrati itrattat u ddisponiet mir-rikors ta' Karim Barboush tat-13 ta' Ottubru 2004. In fatti, bil-mod kif gie trattat ir-rikors quddiem dik il-qorti, il-Kummissarju tal-Pulizija – li kien il-"legittimu kontradittur" fil-proceduri quddiem il-Qorti Inferjuri – gie effettivament imcahhad mid-dritt tieghu li jinstema' kif provdut fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 409A. Infatti:

1. Ir-rikors ta' Karim Barboush gie pprezentat fit-**13 ta' Ottubru 2004**. Skond is-subartikolu (1) tal-Artikolu 409A *"…rikors bhal dak ghandu jigi appuntat <u>ghas-smigh bl-urgenza</u> u <u>r-rikors flimkien mad-data tas-smigh</u> ghandhom jigu notifikati <u>fl-istess jum li jsir ir-rikors</u> sew lir-rikorrent sew lill-Kummissarju tal-Pulizija … Il-Kummissarju tal-Pulizija …[jista' jipprezenta] risposta sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigh"* (sottolinear ta' din il-Qorti) . Din id-disposizzjoni hija cara u tenfasizza il-htiega ta' urgenza abbinata mal-htiega li l-partijiet <u>kollha</u> involuti, u mhux parti wahda biss, ikollhom l-opprtunita` li jressqu l-kaz taghhom <u>adegwatament</u> quddiem il-qorti ghall-verifika ta' jekk l-arrest jew id-detenzjoni humiex jew le *"imsejsa fuq [xi] disposizzjoni ta' dan il-Kodici jew ta' xi ligi ohra li tkun tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent"*. Quddiem l-ewwel qorti, pero`, ma sar xejn minn dan. Flok ma  r-rkors

gie appuntat ghas-smigh bl-urgenza u flok ma d-data tas-smigh giet notifikata liz-zewg partijiet fl-istess jum li sar ir-rikors, dik il-qorti, b'digriet taghha tat-13 ta' Ottubru 2004 ordnat biss in-notifika tar-rikors lill-Kummissarju tal-Pulizija (u lill-Avukat Generali u lis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Gustizzja u l-Intern – ir-rikorrent qatt ma allega li hu kien qed jigi mizmum illegalment mill-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern jew mill-Avukat Generali) bi zmien 24 siegha ghal risposta.

2. Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern gew notifikati dik il-gurnata stess – 13 ta' Ottubru – bir-rikors (izda mhux bid-data tas-smigh, li sa dak il-hin kienet ghadha ma gietx stabbilita kif inghad) u wiegbu l-ghada, **14 ta' Ottubru 2004**. Fis-sitt faccata ta' l-inkartament hemm digriet – li jgib id-data **13 ta' Ottubru 2004**, li jghid hekk: *"Il-Qorti; Rat ir-rikors; Rat ir-risposta; tappunta r-rikors ghas-smigh ghal nhar l-Erbgha, 20 ta' Ottubru, 2004 fis-2.30 pm"*. Issa, apparti li t-trapass ta' sebat ijiem -- jekk id-digriet verament inghata fit-13 ta' Ottubru -- jew ta' sitt ijiem -- jekk dan inghata fl-14 ta' Ottubru -- igib fix-xejn il-kuncett kollu ta' urgenza f'dan it-tip ta' rikorsi, dan id-digriet baqa' qatt ma gie notifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija (u lill-Avukat Generali u lis-Segretarju Permanenti) kif trid il-ligi. Anqas jidher li gie notifikat lill-istess rikorrent -- imkien fl-inkartament ma hemm xi riferti f'dan is-sens. Jidher, pero`, li b'xi mod jew iehor ir-rikorrent Barboush sar jaf bid-data tas-smigh, ghax fid-**19 ta' Ottubru 2004** wiehed mill-erba' avukati tieghu ippresenta rikors li fih talab differiment "fil-vicin" peress li huwa, cioe` l-avukat, ghal ragunijiet familjari, ma setax jattendi fl-20 ta' Ottubru. Kulma hemm fl-inkartament riferibbilment ghal din it-talba huma l-kliem, fuq l-istess rikors, "21/10/04 @ 2.30pm AJV". Jidher, ghalhekk, li l-Magistrat iddecieda li jiddifferixxi s-smigh ghall-21 ta' Ottubru, pero` din id-data l-gdida tas-smigh regghet ma gietx notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija (u lill-Avukat Generali u s-Segretarju Permanenti). Fl-udjenza tal-lum id-difensuri tal-intimat Barboush, wara verifika li ghamlu ma' l-awla koncernata, ikkonfermaw li ma jezistu ebda riferti li jirreferu ghad-dati ta' smigh iffissati mill-ewwel qorti.

3. Mhux ta’ b’xejn, ghalhekk, li l-verbal ta’ l-udjenza tal-21 ta’ Ottubru 2004 – f’liema udjenza suppost li kellha tigi segwita l-procedura traccjata fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 409A – jghid li meta ssejjah ir-rikors deher biss ir-rikorrent Barboush (l-intimat odjern) assistit mill-avukati tieghu, filwaqt li ghall-Kummissarju tal-Pulizija ma deher hadd. Dik il-qorti, flok ivverifikat biex tara jekk kienux saru n-notifiki mehtiega skond il-ligi (ez. ghax forsi kien hemm xi riferti pozittivi li baqghu ma dahlux fl-inkartament) ghaddiet biex semghet is-sottomissjonijiet tar-rikorrent tramite d-difensuri tieghu (li ezibew ukoll 27 faccata dokumenti), u ddifferiet ir-rikors ghal digriet kamerali li nghata erbat ijiem wara, u cioe` fil-25 ta’ Ottubru 2004. Anke hawn, bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, ghandu jigi osservat li l-mod kif inhuma redatti s-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 409A jindikaw li d-decizjoni tal-qorti ghandha tinghata b’urgenza, possibilment fil-jum stess tas-smigh, u mhux erbat ijiem wara. Inoltre dik il-qorti kellha taghti d-decizjoni taghha mhux kameralment izda fil-qorti bil-miftugh – huwa biss fil-kaz ta’ decizjoni *“li taghti jew tirrifjuta helsien mill-arrest”* (*“…a decision granting or refusing* <u>*bail*</u>*…”* fit-test ingliz) li tista’ tinghata *in camera* – ara Artikolu 663(1) tal-Kodici Kriminali. F’dan is-sens id-decizjoni tal-25 ta’Ottubru, 2004 hija wkoll nulla ghax ma nghatatx fil-qorti bil-miftugh kif trid il-ligi.

4. Din il-Qorti, bhala qorti ta’ revizjoni kif il-legislatur effettivament riedha li tkun skond is-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 409A, ghandha d-dover residwu li tara li l-affarijiet <u>isiru sew</u> ossia ritwalment quddiem il-qorti ta’ prim istanza, u ma ghandha qatt tittollera li parti li ghandha dritt tinstema’ fl-qorti bil-miftugh tigi mcahhda minn tali dritt ghax tigi segwita procedura li kjarament tmur kontra dik li ried u stabilixxa l-legislatur.

Konsegwentement, din il-Qorti <u>minghajr ma tidhol fil-meritu tal-kwistjoni</u> migjuba quddiemha mill-Avukat Generali bir-rikors tieghu tal-bierah, u cioe` ta’ jekk l-arrest jew detenzjoni ta’ Karim Barboush kienitx jew ghadhiex imsejsa fuq xi disposizzjoni ta’ ligi, qieghda thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta’

Ottubru 2004 fl-ismijiet premessi, tqieghed lill-intimat Karim Barboush fl-istess posizzjoni li kien fiha immedjatament qabel ma nghatat l-imsemmija decizjoni, u tordna li l-atti jergghu jintbaghtu lura minnufih quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex dik il-qorti tipprocedi skond il-ligi u bid-debita urgenza fir-rigward tar-rikors tal-istess Karim Barboush tat-13 ta’ Ottubru 2004 u dan wara li tisma’ lill-Kummissarju tal-Pulizija skond dak li jghid u jird is-subartikolu (2) tal-Artikolu 409A tal-Kodici Krminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------